MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 232/2009

**A B**

**-vs-**

**Dr. Martin Fenech u P.L. Doreen Aquilina b'digriet tat-18 ta' Settembru 2009 gew nominati Kuraturi Deputati in rapprezentanza ta' l-assenti C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, fejn din wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti A B u l-konvenut C D E izzewgu fit-30 ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. FN1;

Illi l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi r-rikorrenti, ghalkemm kienet migbuda lejn l-intimat, dahlet ghal dan iz-zwieg primarjament minhabba ragunijiet relatati mal-permanenza taghha fil-gzejjer Maltin u hasbet li z-zwieg kien l-unika soluzzjoni;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-intimat eskluda l-obbligu tal-konvivenza;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-tletin (30) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (c) u 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-initmat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 18 ta' Settembru 2009 li permezz tieghu gew nominati Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina biex jirraprezentaw lill-assenti C D E, li wiegbu:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti u l-esponenti jitolbu lir-rikorrenti informazzjoni dwar l-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Fir-rikors taghha, A B tinvoka bhala ragunijiet li ghalihom ghandu jigi dikjarat null iz-zwieg taghha ma' C D E diversi fatturi. Mill-kawzali kollha elenkati, din il-Qorti qeghda minnufih tiskarta kollox hlief ghal dik ta' simulazzjoni tal-kunsens u dan in vista tal-ftit provi prodotti fil-kawza.

Fil-kuntest ta' simulazzjoni, gie kostantement ritenut minn dawn il-Qrati illi:

“Dana d-difett – is-simulazzjoni tal-kunsens – gie ezaminat f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti (ara, inter alia, “Anna Galea vs. John Walsh”, (30 ta' Marzu, 1995) u “Dr. Stephen Muscat vs. Maria Borg E”, (14 ta' Awissu, 1995). Biex jirrizulta dana d-difett irid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-parti in kwistjoni (jew iz-zewg partijiet jekk l-allegazzjoni tkun fil-konfront tal-kunsens tat-tnejn) tkun eskludiet b'att pozittiv tal-volonta' iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg.” (**Josette Spiteri nee' Scicluna vs George Spiteri',** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar, 2001)

Kif ukoll fil-kawza ”**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**” (deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002):

“Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.”

Jirrizulta illi l-partijiet f'din il-kawza intrabtu fiz-zwieg wara konoxxenza qasira. Fl-affidavit taghha l-attrici tikkonferma hekk:

“Nibda billi nghid li jien gejt Malta ghall-ewwel darba f’Ottubru tas-sena 2002 ghat-tieg t’ohti u kien f’dan iz-zmien li Itqajt ma’ C D E. Konna niltaqghu flimkien u kont inhossni komda mieghu izda mbaghad, peress li kelli problemi ta’ Visa, ddecidejt li kien ikun ahjar ghalija jekk nizzewweg lil C. Fil-fatt izzewwigna madwar tliet xhur wara li wasalt Malta, precizament nhar it-30 ta’ Dicembru tas-sena 2002. Nghid li dakinhar tat-tieg m’ghamilna ebda reception jew ikla u kont liebsa libsa normali. Ghat-tieg taghna, hadd mill-familja ta’ C ma kien prezenti ghalhiex ma qalilhomx li kien ser jizzewwigni. Imbaghad, dawwart l-identity card fuq l-indirizz t’omm C imma x’hin ommu skopriet il-verita’ u li ahna konna mizzewgin, ghamlet minn kollox biex jien ikolli nerga’ nbiddel l-indirizz ghaliex kienet sahansitra ghamlet rapport ghand il-pulizija. Fil-fatt, imbaghad biddilt l-indirizz biex ma tkomplix taqla’ aktar inkwiet. X’hin skopriet li ahna konna mizzewgin, lil C qaltlu li kienet ser tnehhieh mill-wirt taghha ghaliex bl-ebda mod ma riditu jkun mizzewweg ma’ mara barranija, specjalment ta’ religjon Musulmana.

Ftit wara li zzewwigna, C telaq l-Ingilterra u minhabba f’hekk qatt ma ghixna flimkien, lanqas f’dawk il-gimghat ta’ bejn id-data tat-tieg u d-data meta telaq. Ovvjament, lanqas ma kien hemm xi forma t’intimita’ bejnietna u ghalhekk nghid u niddikjara li jien u C qatt ma kellna relazzjonijiet sesswali flimkien.

Ghadda z-zmien u jien bqajt hawn Malta. Imbaghad, wara qisu tliet snin wara z-zwieg, C gie lura Malta, tkellimna ftit u wara ftit jiem rega’ telaq lejn l-Ingilterra. Meta kien jigi hawn Malta, gieli konna niltaqghu izda dejjem konna qisna hbieb u qatt ma zviluppajna r-relazzjoni taghna. Dan l-ahhar tlift kull kuntatt mieghu ghaliex biddel l-indirizz u n-numru tat-telefon u ghalhekk, m’ghandix mezz ta’ kif nikkomunika mieghu.

Naghlaq billi nghid li ghalkemm jien u C issa ilna mizzewgin ghal kwazi seba’ snin, qatt ma ghixna ta’ ragel u mara mizzewga u qatt ma kellna l-opportunita’ li nsiru nafu lil xulxin ghaliex hekk kif izzewwigna, C telaq ‘il barra mill-pajjiz”.

Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-fehma illi l-kunsens tal-partijiet f'dan iz-zwieg kien simulat. Kif jirrizulta ukoll minn l-avvenimenti li graw wara z-zwieg, ma kien hemm qatt fil-partijiet, l-intenzjoni li tigi stabbilita' dik l-unjoni ta' hajja u mhabba li tikkostitwixxi realment iz-zwieg.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat fit-30 ta' Dicembru 2002 bejn A B u C D E huwa null u bla effett.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom b'dana illi provvisorjament l-ispejjez tal-kuraturi jithallsu mill-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------